**QORTI ĊIVILI – PRIM'AWLA**

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Mandat ta' Inibizzjoni**
**Numru 1152/2021 NC**

**Emmanuel Żammit**
**(I.D. Nru. 414269(M))**

**vs.**

**Awtorita' għat-Trasport f'Malta**

**Digriet kamerali mogħti llum, il-Ħamis 12 ta' Awwissu 2021**

Il-Qorti,

Reġgħet rat ir-Rikors tar-rikorrent ppreżentat fit-28 ta' Lulju 2021 fejn ir-rikorrent talab li din il-Qorti żżomm lill-Awtorita' intimata milli:

" 1. *tkeċċi jew tittermina l-impieg tar-rikorrenti, jew*

2. *tieħu ebda passi fil-konfront jew kontra r-rikorrenti ai bażi tal-ittra ta' l-Awtorita' għat-Trasport f'Malta datata 20 ta' Lulju 2021."*

Rat id-Digriet tagħha tat-28 ta' Lulju 2021 fejn il-Qorti laqgħet it-talba proviżorjament, ordnat notifika tar-Rikors bi żmien għar-Risposta u appuntat ir-Rikors għas-smigħ għas-seduta tal-5 ta' Awwissu 2021.

Rat ir-Risposta tal-Awtorita' intimata ppreżentata fit-2 ta' Awwissu 2021 fejn l-Awtorita' intimata opponiet għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni u dan għal diversi raġunijiet hemm elenkati.

Semgħet, fis-seduta tal-5 ta' Awwissu 2021, is-sottomissjonijiet finali tad-difensuri tal-partijiet.

Rat id-dokumenti eżebiti u l-atti proċesswali kollha ta' dan ir-Rikors.

**Ikkunsidrat**

Illi l-għan ta' talba għal ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni huwa dak li jżomm persuna milli tagħmel xi ħaġa li tista' tkun ta' ħsara jew preġudizzju lil parti li titlob il-ħruġ tal-mandat. Bil-liġi jeħtieġ li biex ir-rikorrent ikun jistħoqqlu jikseb il-ħruġ ta' mandat bħal dak, huwa għandu juri s-segwenti:

- li l-mandat huwa meħtieġ biex jitħarsu l-jeddijiet pretiżi minnu tant li bin-nuqqas ta' ħruġ tiegħu r-rikorrenti ser isofri preġudizzju;

- li r-rikorrent ikun jidher li għandu *prima facie* dawk il-jeddijiet.

B'żieda ma' dawn, fir-rigward tar-rikors odjern, il-Qorti tagħmel tagħha dak li ngħad minn din il-Qorti kif diversament preseduta fi provediment mogħti minnha fis-16 ta' Ġunju 2017 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 749/2017 fl-ismijiet **Leone Grech noe et vs. Awtorita' għat-Trasport f'Malta**, f'liema provediment ingħad is-segwenti:

> "Tqis li, b'żieda mal-elementi meħtieġa kif imsemmi qabel, f'każ li l-ħruġ tal-mandat jintalab kontra l-Gvern jew kontra xi awtorita' pubblika mwaqqfa bil-Kostituzzjoni jew kontra persuna li jkollha kariga pubblika fil-kariga uffiċjali tagħha, il-liġi titlob ukoll li jintwera (a) li l-ħaġa li parti titlob li tinżamm milli titwettaq fil-fatt hemm il-ħsieb li titwettaq, u (b) li l-preġudizzju li jinħoloq lil min ikun qed

jitlob il-mandat ikun sproporzjonat meta mqabbel ma' l-istess għemil tal-ħaġa li qed tintalab li tiġi miżmuma."

Illi l-elementi kollha msemmija hawn fuq huma kumulativi u mhux alternattivi u jekk xi wieħed minnhom ma jirriżultax, il-Qorti għandha tiċħad it-talba għal ħruġ ta' mandat bħal dak. *In oltre* huma kriterji oġġettivi u fl-applikazzjoni tal-liġi dwar kif u meta għandu jinħareġ mandat, il-Qorti għandha tuża interpretazzjoni restrittiva. Dan ghaliex il-ħruġ ta' Mandat ta' Inibizzjoni bħal kull mandat kawtelatorju jsir fi żmien meta l-pretensjoni ma tkunx għadha ġiet ġuridikament aċċertata u stabbilita.

L-insenjament ta' dawn il-Qrati fil-kuntest ta' dak li ngħad hawn fuq huwa ċar u ben stabbilit. Il-Qorti tenfasizza illi kull eżami li tagħmel hi f'dan l-istadju jibqa' limitat għal dak li jidher mad-daqqa t'għajn, b'dana illi l-vertenza fil-mertu tibqa' riżervata għal dik il-Qorti li eventwalment tiġi adita bil-kawża.

**Ikkunsidrat**

Illi fir-Rikors jingħad, fost l-oħrajn, illi r-rikorrent *"kien u għandu [recte: għadu] impjegat mal-Awtorita' għat-Trasport f'Malta fejn kien ġie impjegat bħala Enforcement Manager within the Enforcement Directorate, permezz ta' kuntratt ta' impieg indefinit"*. Jingħad ukoll li l-kariga tar-rikorrent hija meqjusa bħala *senior post* u li l-Awtorita' intimata kienet soġġetta għal tibdil fl-istruttura operattiva tagħha fejn dak li qabel kienu *Senior Manager* ingħataw in-nomenklatura ta' Diretturi fi ħdan l-Awtorita'. Jingħad ukoll li r-rikorrent kien soġġett għal tentattiv sabiex il-kuntratt tiegħu ikun mibdul unilateralment u *"kif jogħġob biss lill-Awtorita' intimata u dan nonostante li kien hemm il-bżonn tal-qbil bejn iż-żewġ partijiet"*. Ir-rikorrent ikompli jgħid li huwa ma kienx lest li jbiddel il-kundizzjonijiet tal-impieg tiegħu u b'hekk kien suġġett ta' tliet azzjonijiet dixxiplinari li skont hu kienu tentattiv sabiex ikun hemm raġuni sabiex ikun itterminat l-impieg tiegħu fuq bażi dixxiplinari.

Illi, permezz ta' ittra datata 20 ta' Lulju 2021 (kopja ta' liema ġiet annessa mar-Rikors promutur u mmarkata bħala Dok. "Ċ"), ir-rikorrent ġie infurmat, fost l-oħrajn, is-segwenti: *"By means of the*

*present you are hereby being informed for all effects and purposes at law that your employment with the Authority for Transport in Malta is being* ***terminated*** *with immediate effect/ with effect from the 1st. August, 2021 and this for good and sufficient cause as contemplated in terms of law".*

Illi, fir-Risposta tagħha, l-Awtorita' tisħaq, fost l-oħrajn, hekk:

*"Illi mir-Rikors imressaq mir-rikorrenti jidher ċar mad-daqqa t'għajn li huwa m'għandu assolutament ebda jedd li jwaqqaf lill-Awtorita' rispondenti milli "tkeċċi jew tittermina l-impieg tiegħu" u dan anke għaliex, fost raġunijiet oħra, dan il-fatt huwa diġa kompjut l-impieg tar-rikorrent ġie diġa tterminat permezz tal-ittra datata 20 ta' Lulju 2021 anke jekk id-data effettiva (u ċioe' l-1 t'Awwissu 2021) għadha ma waslitx".*

Illi mingħajr mal-Qorti tidħol fil-mertu tal-kwistjoni bejn il-partijiet, fir-rigward tal-elementi neċessarji sabiex il-Qorti tkun tista' tilqa' il-ħruġ tal-mandat odjern, il-Qorti:

- tirrikonoxxi illi fis-seduta tal-5 ta' Awwissu 2021 ġie kkonfermat bil-ġurament li kieku ma kienx għall-mandat odjern, kien ser jissokta l-proċess li jsir riferenza għalih fil-mandat;

- ma tikkondividiex ma' dak li jingħad fir-Risposta tal-Awtorita' intimata fejn ingħad illi r-rikorrent ma' għandu ebda jedd li jwaqqaf lill-Awtorita' intimata milli tkeċċieh jew tittermina l-impieg tiegħu u dan għaliex skond l-Awtorita' intimata *"dan il-fatt huwa diġa' kompjut u l-impieg tar-rikorrent ġie diġa tterminat permezz tal-ittra datat 20 ta' Lulju 2021 anke jekk id-data effettiva (u ċioé l-1 t'Awwissu 2021) għadha ma waslitx"* u dana *stante* li r-Rikors odjern ġie ppreżentat fit-28 ta' Lulju 2021 u mill-ittra datata 20 ta' Lulju 2021 mibgħuta mill-Awtorita' intimata lir-rikorrent m'huwiex ċar minn meta eżattament ġie tterminat l-impieg tal-istess rikorrent, u ċioe jekk hux *"with immediate effect"* jew *"with effect from the 1st. of August 2021"*;

- ma tikkondividiex anqas ma' dak li jingħad fir-Risposta tal-Awtorita' intimata fejn ingħad illi: *"dak li r-rikorrent qed*

*jippretendi li din l-Onorabbli Qorti għandha tagħmel huwa illi tiddetermina jekk l-Awtorita' rispondenti għandhiex o meno raġunijiet validi sabiex tittermina l-impieg tiegħu, xi ħaġa li […] ma tirrientrax fil-ġurisdizzjoni ta' din l-Onorabbli Qorti stante illi din il-materja taqa' esklussivament fil-mansjonijiet tat-Tribunal Industrijali".* Il-Qorti ma tikkondividiex ma' dan *stante* li mhux ir-rwol tagħha fir-Rikors odjern tara jekk jeżistux raġunijiet validi sabiex jiġi tterminat l-impieg tar-rikorrent pero' l-Qorti għandha tara **biss** li jiġu sodisfatti l-elementi aktar-il fuq imsemmija.

Illi, minkejja dak li għadu kemm ingħad hawn fuq, il-Qorti tikkondividi ma' dak li ngħad mill-Awtorita' intimata fir-Risposta tagħha meta:

- fir-rigward tal-preġudizzju irrimedjabbli qalet is-segwenti: *"Illi kieku kien minnu illi l-impieg tiegħu qed jiġi terminat mingħajr raġuni valida […,] ir-rikorrenti għandu l-opportunita' li jippreżenta proċeduri quddiem it-Tribunal Industrijali li huwa vestit fil-ġurisdizzjoni esklussiva li jistħarreġ jekk tkeċċija hijiex inġusta o meno u jitlob u jottjeni rimedju";*

- sostniet li *"[ir-rikorrent] irid jipprova wkoll illi l-preġudizzju li se jsofri f'każ li t-talba tiegħu għall-ħruġ ta' dan il-Mandat ta' Inibizzjoni ma tiġix akkolta huwa wieħed sproporzjonat mal-għemil li qed jitolbu biex l-Awtorita' tiġi miżmuma milli tagħmel."* Dan ma jirriżultax.

Illi, tenut kont ta' dak li ngħad hawn fuq, il-Qorti ma jirriżultalhiex li r-rikors odjern għandu jiġi milqugħ *stante* li huma nieqsa l-elementi li għadhom kemm saru riferenza għalihom.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti taqta' u tiddeċiedi billi tirrevoka *contrario imperio* d-Digriet tagħha tat-28 ta' Lulju 2021 u tiċħad it-talba għall-ħruġ tal-Mandat ta' Inibizzjoni bin-Numru 1152/2021 fil-konfront tal-Awtorita' intimata.

Bl-ispejjeż ta' dawn il-proċeduri kontra r-rikorrent.

---

**Onor. Dr. Neville Camilleri**
**Imħallef**

---

**Alexia Attard**
**Deputat Reġistratur**